



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9240/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0045 (NLE)

ACP 61
WTO 112
COAFR 180
RELEX 490

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT TAL-FSE STABBILIT SKONT IL-FTEHM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA INTERIM BEJN IL-GĦANA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-OĦRA, rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE

ABBOZZ ta'

DEĊIŻJONI NRU .../2020

TAL-KUMITAT TAL-FSE STABBILIT SKONT IL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

INTERIM

BEJN IL-GĦANA, MINN NAĦA WAĦDA,

U L-KOMUNITÀ EWROPEA

U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta' ...

rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim'), iffirmat fi Brussell fit-28 ta' Lulju 2016, u b'mod partikolari l-Artikolu 73 tiegħu,

¹ ĠU UE L 287, 21.10.2016, p. 3.

Filwaqt li kkunsidra li l-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat tal-FSE għandu jiddetermina r-regoli tiegħu dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE huma adottati kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kumitat FSE

Il-Ko-Presidenti

ANNEX

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT TAL-FSE
STABBILITI SKONT L-ARTIKOLU 73 TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA
INTERIM BEJN IL-GĦANA, MINN NAĦA WAĦDA,
U L-KOMUNITÀ EWROPEA
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-OĦRA

Artikolu 1

Rwol u Isem tal-Kumitat tal-FSE

1. Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 73(1) tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), hu responsabbli għall-kwistjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 73(3) tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun imsemmi f'dokumenti tal-Kumitat, inklużi deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, bħala l-"Kumitat tal-FSE".

Artikolu 2
Kompożizzjoni u Presidenza

1. Il-Kumitat tal-FSE huwa magħmul, minn naħa waħda, minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u min-naħa l-oħra, minn rappreżentanti tal-Ghana fil-livell ministerjali jew f'livell uffiċjali għoli, jew mir-rappreżentanti magħżulin tagħhom.
2. Ir-rappreżentanza tal-Partijiet għandha normalment tkun f'livell ta' uffiċjali għolja jew, eċċezzjonalment fil-livell ministerjali kull meta ż-żewġ Partijiet jaqblu li è-ċirkostanzi jeħtieġu hekk.
3. Il-Kumitat tal-FSE fil-livell ministerjali għandu jkun kopresedut minn rappreżentanti tal-Parti tal-UE, b'kont meħud tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u mill-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija tal-Ghana.
4. Il-Kumitat tal-FSE f'livell uffiċjali għoli għandu jkun kopresedut minn uffiċjal għoli bħala rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u minn uffiċjal għoli bħala rappreżentant tal-Ghana.
5. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal għoli li huwa inkarigat biex jikkopresiedi l-laqgħa tal-Kumitat tal-FSE għal dik il-Parti. Dak l-uffiċjal għoli jitqies li jkollu l-awtorizzazzjoni li jirrappreżenta l-Parti sad-data li l-Parti tkun innotifikat il-Kopresident ġdid lill-Parti l-oħra.

Artikolu 3
Segretarjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea minn naħa waħda, u uffiċjali mid-dipartiment responsabbli mill-Kummerċ għall-Ghana, min-naħa l-oħra, għandhom jaġixxu flimkien bħala Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE.
2. Fuq in-naħa tal-Parti tal-UE, l-aġendi proviżorji u l-abbozzi tal-minuti għandhom jitfasslu mill-Kummissjoni Ewropea u d-dokumenti uffiċjali kollha maħsuba għall-Kumitat tal-FSE fil-livell ministerjali, jew maħruġa minnu, għandhom jiġu ċċirkulati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
3. Skont l-Artikolu 73(4) tal-Ftehim, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal li huwa l-punt fokali (Segretarju) tal-Kumitat tal-FSE għal dik il-Parti. Dak l-uffiċjal hu preżunt li jibqa' jaġixxi bħala Segretarju tal-Parti sad-data li fiha l-Parti tavża lill-Parti l-oħra b'uffiċjal ġdid bħala Segretarju.

Artikolu 4
Laqgħat

1. Il-Kumitat tal-FSE għandu jiltaqa' darba fis-sena, sakemm il-Kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor, jew f'każijiet urġenti fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

2. Il-laqgħat għandhom isiru f'data u f'ħin miftiehma alternattivament fi Brussell u f'Accra, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Kopresidenti.
3. Il-laqgħat għandhom jissejġu mill-Kopresident tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.
4. Laqgħa tista' ssir personalment jew b'vidjokonferenza jew bi kwalunkwe mezz ieħor.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

F'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel il-laqgħa, l-uffiċjal li jkun qed jaġixxi bħala s-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE għal kull Parti għandu jinforma lill-uffiċjal li jaġixxi bħala s-Segretarju tal-Parti l-oħra dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Parti tal-UE u tal-Ghana rispettivament. Il-listi għandhom jispeċifikaw l-isem u l-funzjoni ta' kull membru tad-delegazzjoni.

Artikolu 6

Aġenda għal-laqgħat

1. Mill-inqas 14-il jum qabel il-laqgħa, is-Segretarju tal-Kumitat tal-FSE għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa abbażi ta' proposta magħmula mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, bi skadenza biex il-Parti l-oħra ttiprovdi l-kummenti tagħha.

2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-FSE fil-bidu ta' kull laqgħa. Il-punti li ma jidhrux fuq l-aġenda proviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda b'konsens.

Artikolu 7

Stedina għall-esperti

Il-kopresidenti tal-Kumitat tal-FSE jistgħu, bi ftehim reċiproku, jistiednu esperti (jiġifieri uffiċjali mhux governattivi) biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi u biss għall-partijiet tal-laqgħa fejn jiġu diskussi suġġetti speċifiċi bħal dawn.

Artikolu 8

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mill-uffiċjal li jaġixxi bħala membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa fi żmien 21 jum minn tmiem il-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kopresidenti. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat għall-kummenti lill-membri tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra. Fejn dawn ir-Regoli ta' Proċedura japplikaw għal-laqgħat tas-sottokumitati, il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe laqgħa sussegwenti tal-Kumitat tal-FSE.

2. Bħala regola ġenerali, il-minuti għandhom jiddeskrivu fil-qosor kull punt fl-aġenda, u fejn japplika jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha sottomessi lill-Kumitat tal-FSE;
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li waħda mill-Kopresidenti tal-Kumitat tal-FSE tkun talbet li tiddaħħal fil-minuti; u
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.
3. Il-minuti għandhom jinkludu lista tad-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat tal-FSE meħuda bi proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 9(2) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat tal-FSE.
4. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll lista tal-ismijiet, it-titoli u l-kapaċità tal-individwi kollha li attendew il-laqgħa tal-Kumitat tal-FSE.
5. Is-Segretarju għandu jaġġusta l-abbozz tal-minuti abbażi tal-kummenti riċevuti u l-abbozz tal-minuti, kif rivedut, għandu jiġi approvat mill-Partijiet fi żmien 60 jum mid-data tal-laqgħa, jew minn kwalunkwe data oħra miftiehma mill-Kopresidenti. Ladarba approvati, is-Segretarjat għandu jfassal żewġ kopji oriġinali tal-minuti, u kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali tal-minuti.

Artikolu 9

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat tal-FSE jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fejn il-Ftehim jipprovdi hekk. Il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'konsens.
2. Fil-perijodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat tal-FSE jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, it-test ta' abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn Kopresident lill-Kopresident l-ieħor. Il-Parti l-oħra għandu jkollha xahar, jew kwalunkwe perijodu itwal ta' żmien speċifikat mill-Parti li qed tagħmel il-proposta, biex tesprimi l-qbil tagħha dwar l-abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni. Jekk il-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE. Id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala adottati ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha u għandha tiġi rreġistrata fil-minuti tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-FSE skont l-Artikolu 8(3).

3. Fejn il-Kumitat tal-FSE ikollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet skont il-Ftehim, dawn l-atti jingħatalhom it-titolu ta' "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Is-Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE għandu jagħti numru tas-serje progressiv, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni meħuda. Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni għandha tipprovdi għad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat tal-FSE għandhom jitfasslu f'żewġ kopji, awtentikati mill-Kopresidenti u trażmessi lil kull Parti.

Artikolu 10
Trasparenza

1. Il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi li jiltaqa' fil-pubbliku.
2. Skont l-Artikolu 73(5) tal-Ftehim il-Kopresidenti jistgħu, bi ftehim reċiproku, jistiednu għal-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE rappreżentanti tas-soċjetà ċivili biex jattendu bħala osservaturi kif ukoll partijiet terzi oħra, bħall-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent u l-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent.
3. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-FSE fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha jew online.

4. Id-dokumenti kollha sottomessi minn Parti għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, sakemm dik il-Parti ma tiddeċidix mod ieħor.
5. L-aġendi proviżorji tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi qabel issir il-laqgħa tal-Kumitat. Il-minuti tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi wara l-approvazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 8.
6. Il-pubblikazzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 3 sa 5 għandha ssir skont ir-regoli applikabbli tal-protezzjoni tad-data ta' kull Parti.

Artikolu 11

Lingwi

1. Il-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat tal-FSE hija l-Ingliż.
2. Il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjonijiet dwar l-emenda jew l-interpretazzjoni tal-Ftehim fil-lingwi tat-testi awtentiċi tal-Ftehim. Id-deċiżjonijiet l-oħra kollha tal-Kumitat tal-FSE għandhom jiġu adottati bl-Ingliż.
3. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura u kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kumitat tal-FSE, bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat li jemendaw jew jinterpretaw il-Ftehim, huma awtentiċi fil-lingwi ta' ħidma ta' dak il-Kumitat. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-FSE li jemendaw jew jinterpretaw il-Ftehim huma awtentiċi fil-lingwi kollha li fihom il-Ftehim ikun awtentiku.

4. Kull Parti għandha tkun responsabbli għat-traduzzjoni ta' deċiżjonijiet u dokumenti oħra fil-lingwa(i) uffiċjali tagħha, jekk meħtieġ skont dan l-Artikolu, u għandha tissodisfa l-infiq assoċjat ma' tali traduzzjonijiet.

Artikolu 12

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri l-ispejjeż li tagħmel minħabba l-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż ta' konferenzi bil-video jew bit-telefon, posta u telekomunikazzjoni.
2. L-ispejjeż marbutin mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Parti li tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni minn u lejn il-lingwi ta' ħidma matul il-laqgħat tal-Kumitat tal-FSE għandha titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 13

Kumitat Speċjali għall-iffaċilitar tad-dwana u tal-kummerċ

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat Speċjali għad-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ (il-'Kumitat Speċjali') skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim għall-finijiet speċifikati f'dak l-Artikolu.
2. Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim, il-Kumitat Speċjali għandu jibgħat rapporti lill-Kumitat tal-FSE dwar ir-riżultati, id-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet minn kull waħda mil-laqgħat tiegħu. Il-Kumitat tal-FSE għandu jkun infurmat bil-miktub dwar il-punti ta' kuntatt magħżula mill-Kumitat Speċjali. Il-korrispondenza kollha rilevanti, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Kapitolu 3 (Dwana u faċilitazzjoni tal-kummerċ) tal-Ftehim għandhom jintbagħtu simultanjament lis-Segretarjat tal-Kumitat tal-FSE.
3. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Speċjali.

Artikolu 14
Gruppi ta' ħidma

Għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet previsti fl-Artikolu 73(3) tal-Ftehim u skont l-Artikolu 73(2) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi li joħloq taħt l-awtorità tiegħu l-gruppi ta' ħidma biex jiffaċilita d-diskussjoni teknika dwar suġġetti speċifiċi skont il-Ftehim. Il-Kumitat tal-FSE għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u l-kompiti ta' dawn il-gruppi ta' ħidma. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jibagħtu rapporti lill-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 15
Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE skont l-Artikolu 9.
